MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Rikors Ġuramentat Numru 524/2018LM

**Tumer Gencturk (K.I. numru 0034435A)**

***vs.***

**Tao Li**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2018, mill-attur **Tumer Gencturk** (K.I. numru 0034435A) [minn issa 'l quddiem "l-attur"] kontra l-konvenut **Tao Li** [minn issa 'l quddiem "il-konvenut"] li jgħid kif ġej:

*"A. **DIKJARAZZJONI TAL-FATTI***

1. *Illi nhar id-19 ta' Mejju 2016 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar għall-ħabta 10.45 a.m. illi kien jinvolvi l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 723 misjuq mill-esponenti u l-vettura bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni GFP 001, misjuqa mill-konvenut, u dan skont ma jirriżulta mir-Rapport relattiv illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala* ***Dok. TG1****;*

2. *Illi l-imsemmi inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;*

3. *Illi bħala konsegwenza tal-inċident* de quo*, l-esponenti sofra diżabilità permanenti, oltre għal danni fil-mutur tiegħu, u dan kif ser jirriżulta tu lit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4. *Illi minkejja illi l-konvenut ġie debitament interpellat sabiex jagħmel tajjeb għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-esponenti bħala riżultat ta' dan l-inċident, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 15 ta' Marzu 2018, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom isiru l-preżenti proċeduri;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.*

B. *RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI*

6. *Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara illi l-konvenut kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar id-19 ta' Mejju 2016 fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar għall-ħabta ta' 10.45 a.m., u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur, inkluż dawk konnessi mad-diżabilità permanenti illi huwa soffra, bħala riżultat tal-inċident* de quo*, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur d-danni minnha hekk likwidati;"*

Għalhekk l-attur ħarrek lill-konvenut sabiex jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar id-19 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tal-10.45 a.m. fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar meta huwa kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GFP 001 u ħabat mal-mutur misjuq mill-attur bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 723;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, inkluż dawk in konnessjoni mad-diżabilità ta' natura permanenti bħala riżultat tal-inċident* de quo*, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur, id-danni kollha minnha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Marzu 2018, u bl-interessi legali mid-data tal-preżentata ta' dana l-Att kontra l-konvenuti illi jibqa' minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut **Tao Li** ppreżentata fis-27 ta' Ġunju, 2018, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante illi l-eċċepjenti ma hux responsabbli għall-inċident de quo liema inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur;*

*2. Illi konsegwentement, ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati favur l-attur u li għandhu jagħmel tajjeb għalhom l-eċċepjenti ;*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' April, 2019, fejn ġie maħtur bħala espert mediku ġudizzjarju **Mr Ray Gatt**.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-espert mediku ġudizzjarju a *fol.* 182.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni odjerna tirrigwarda inċident awtomobistiku li seħħ fid-19 ta' Mejju, 2016, bejn mutur tal-għamla BMW 650 numru ta' reġistrazzjoni HAP 723 (minn issa 'l quddiem "il-mutur") misjuq mill-attur u proprjetà tiegħu, u vettura tal-għamla BMW 116 I numru ta' reġistrazzjoni GFP 001 (minn issa 'l quddiem "il-vettura") misjuqa mill-konvenut.

**Provi u riżultanzi**

L-attur xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit.*[1] Huwa spjega li fid-19 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tal-10.45 ta' filgħodu filwaqt li huwa kien qed isuq il-mutur tiegħu mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar lejn il-Mosta, hekk kif wasal viċin ic-*Chef Choice,* sab it-traffiku miexi bil-mod. F'daqqa waħda lemaħ il-vettura tal-konvenut xi ħames metri quddiemu, qed tagħlaqlu l-karreġġjata tiegħu. L-attur żamm il-brejk u ttenta jevita l-vettura, iżda baqa' dieħel fin-naħa ta' wara tagħha bir-rota ta' quddiem tal-mutur. Huwa tar minn fuq is-saqaf tal-vettura u waqa' fuq in-naħa l-oħra tagħha, filwaqt li ntilef minn sensih għal ftit. Il-konvenut u xi nies oħra marru jgħinuh sabiex iqum, iżda dan ma kienx possibbli minħabba l-ġrieħi li kien sofra. L-attur spjega kif xi ġimagħtejn wara l-inċident, il-konvenut kien mar jarah id-dar tiegħu u offra li

[1] Dok. TG1 a *fol.* 30 tal-proċess.

jħallas l-ispejjeż. Min-naħa tiegħu huwa kien sofra ġrieħi f'siequ u f'irkobbtu tax-xellug u kellu jagħmel tmien ġimgħat fis-sodda u tmien ġimgħat oħra terapija. L-attur spjega li huwa kien jaħdem bħala fotografu b'mod *freelance* u b'hekk kien tilef biċċtejn xogħol li tagħhom kellu qliegħ rispettivament ta' €2,360.00 u €2,714.00, skont id-dokumenti esebiti mal-*affidavit* tiegħu.[2] Magħdud ma' dawn, huwa kellu jirrifjuta x-xogħol u b'hekk b'kollox tilef ħames xhur xogħol. Il-mutur tiegħu ma setax jissewwa u kien biegħu bil-prezz ta' €200, filwaqt li nefaq €250 fuq kiri ta' vettura, kif jirriżulta mill-kopja tal-ftehim relattiv u l-irċevuta esebiti mal-*affidavit*.[3] Meta mbagħad l-attur kien ħassu aħjar, huwa mar għal viżta għand il-konsulent Mr Massimo Abela, li qallu li sab li kellu diżabilità permanenti ta' 8%. Iddikjara li għar-rapport anness mal-*affidavit* huwa ħallas €300.[4] Flimkien mal-istess *affidavit,* l-attur esebixxa wkoll kopja tal-*Road Traffic Accident Insurance Report*[5] maħruġ mill-Pulizija u kopja tal-irċevuta tal-ħlas għal dak ir-rapport.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2018, xehed **PS1350 Christian Xuereb**, prodott mill-attur. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*Full Road Traffic Accident Report* li ġie mmarkat Dok. CX1[6], kif ukoll kopja ta' skizz.[7]

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018, xehed **Jonathan Pandolfino**[8] prodott mill-attur. Ix-xhud spjega li huwa kien jaħdem bħala mekkanik tal-muturi u kkonferma li huwa kien xtara l-mutur tal-attur mingħandu sussegwenti għall-inċident għall-prezz ta' €200 sabiex jieħu l-*parts* għal mutur ieħor.

---

[2] Dok. A *a fol.* 33 u 34.
[3] Dok. E *a fol.* 47 u 48.
[4] Kopji Dok. C u Dok. CA *a fol.* 35 sa 39.
[5] Kopji Dok. D u Dok. DA *a fol.* 40 sa 46.
[6] *A fol.* 54.
[7] *A fol.* 61.
[8] *A* fol. 63.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019, xehed **Richard Vella**[9], rappreżentant tas-soċjetà Untours Insurance Agents Limited, prodott mill-konvenut, fejn ippreżenta kopja ta' diversi dokumenti li ġew immarkati Dok. RV1.

L-attur xehed għal darb'oħra, iżda in kontroeżami[10], waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019, fejn stqarr li ma setax jiftakar b'liema veloċità kien għaddej fil-ħin tal-inċident, għalkemm iddikjara li wisq probabbli din kienet ta' madwar ħamsin kilometru fis-siegħa. Ikkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq mutur tal-għamla BMW F650 b'ċilindru wieħed ta' 650cc.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2019, xehed **Mr Massimo Abela**, prodott mill-konvenut.[11] Ix-xhud ikkonferma r-rapport mediku tiegħu li ġie ppreżentat bħala Dok. MA1.[12] Spjega li huwa kien eżamina lill-attur madwar sena u erba' xhur jew ħames xhur wara l-inċident u normalment nefħa tinżel fl-ewwel għaxar xhur. Jekk dan ma jsirx, il-probabbilità kienet li ser tippersisti maż-żmien.

Il-konvenut xehed permezz tal-*affidavit*.[13] Huwa spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu fid-direzzjoni lejn Buġibba meta ra parkeġġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Huwa waqqaf il-vettura u beda jimmanuvra sabiex jaqsam it-triq. Dak il-ħin ma kienx hemm ħafna traffiku u ma kien hemm l-ebda karozza ġejja mid-direzzjoni opposta. Huwa waqqaf il-vettura sabiex jidħol b'lura fil-parkeġġ, iżda f'ħin bla waqt sema' daqqa kbira fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura u induna li minn imkien kien tfaċċa mutur li baqa' dieħel fin-

---

[9] *A fol*. 75A.
[10] *A fol*. 144.
[11] *A fol*. 155.
[12] *A fol.* 159.
[13] *A fol.* 164.

naħa tax-xellug tal-vettura. Is-sewwieq tar minn fuq il-vettura u waqa' ftit 'il hemm fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Kif ħareġ mill-vettura, osserva li l-mutur ma kien ħalla l-ebda marki tal-brejkijiet warajh u esebixxa żewġ ritratti tal-ħsarat fil-vettura tiegħu.[14] Il-konvenut qal li s-sewwieq tal-mutur kien imweġġa' u waslet l-ambulanza li ħaditu l-isptar. Huwa kien iltaqa' mal-attur xi ġimagħtejn wara f'*bar* ġewwa Buġibba, fejn infurmah li huwa kien assigurat mas-soċjetà assikuratriċi Untours Insurance Agency. Il-konvenut stqarr li ma kienx minnu li huwa kien mar id-dar tal-attur fejn ipprometta li huwa kien lest li jħallas għall-ispejjeż, għaliex ma setax jikkomunika miegħu billi huwa la kien jitkellem bil-lingwa Ingliża u lanqas bil-lingwa Ġermaniża.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2019, reġa' xehed il-konvenut, din id-darba in kontroeżami.[15] Spjega li huwa kien qed isuq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq meta għamel *U-turn* u meta reġa' b'lura daħal fih il-mutur tal-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Fir-rikors maħluf tiegħu, l-attur jispjega li fid-19 ta' Mejju, 2016, hekk kif huwa kien qed isuq il-mutur tiegħu fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, għall-ħabta tal-10.45 ta' filgħodu, huwa kien involut f'inċident awtomobistiku mal-vettura misjuqa mill-konvenut. Jissottometti li dan l-inċident seħħ minħabba

[14] A *fol.* 165 u 166.
[15] *A fol.* 177.

negliġenza, traskuraġni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut li wassal sabiex huwa sofra diżabilità permanenti u anki diversi ħsarat fil-mutur.

Il-konvenut permezz tar-risposta maħlufa tiegħu, jilqa' billi jgħid li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li li l-inċident kien jaħti għalih l-attur stess.

Il-verżjoni tal-attur kif tirriżulta mill-*affidavit*[16] tiegħu hija li l-vettura tal-konvenut ħasditu meta tfaċċat f'daqqa waħda quddiemu fil-karreġġjata tiegħu hekk kif kien qed isuq fit-traffiku fid-direzzjoni lejn il-Mosta. Spjega li dakinhar it-traffiku kien miexi bil-mod għalkemm il-vetturi ma kinux viċin ta' xulxin. L-attur jgħid li l-konvenut kien qed jittenta jagħmel *"... a 3-point turn, or coming out from parking almost perpendicular to the direction of traffic".* Hekk ukoll fir-*Road Traffic Accident Insurance Report.*[17] Jirrileva li huwa mill-ewwel żamm il-brejk u ttenta jevita l-vettura billi dawwar lejn ix-xellug, iżda dan kien għalxejn peress li l-vettura u l-mutur kienu wisq viċin xulxin.

Il-konvenut fl-*affidavit*[18] tiegħu ma jikkontestax il-fatt li dak il-ħin tal-inċident huwa kien qed jagħmel manuvra fit-triq sabiex mill-karreġġjata tiegħu huwa jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq, fejn huwa kien lemaħ parkeġġ għall-vettura tiegħu. Hekk ukoll kienet il-verżjoni tiegħu lill-Pulizija *a tempo vergine* kif indikat fir-*Road Traffic Accident Insurance Report.*[19] Spjega li peress li meta qasam it-triq huwa ma setax jidħol sew fil-parkeġġ, huwa waqqaf il-vettura

[16] *Supra.*
[17] *A fol.* 10.
[18] *Supra.*
[19] *A fol.* 7.

tiegħu u kien ser jerġa' b'lura, iżda proprju dak il-ħin il-mutur baqa' dieħel fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa minnu.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Av. Dott. Remigio Zammit Pace noe *vs.* George Despott**[20], il-manuvra ta' *U-turn* stante li tinvolvi *right hand turn,* tista' tkun kawża ta' inċident u għalkemm tista' ssir mingħajr perikolu f'toroq mhux daqstant traffikużi, f'toroq b'volum akbar ta' traffiku, kif il-Qorti tikkunsidra li hija mingħajr dubju t-triq inkwistjoni, għandha ssir b'aktar attenzjoni għaliex wara kollox hija manuvra li l-utenti tat-triq ma jistennewx li ssir.

Mir-ritratt meħud mill-ajru u esebit mill-attur[21], jidher li ż-żewġ karreġġjati mhumiex mifruda minn xulxin permezz ta' linja bajda kontinwa u għalhekk m'hemm l-ebda projbizzjoni għat-traffiku li joħroġ 'il barra mill-karreġġjata tiegħu u jidħol fil-karreġġjata tad-direzzjoni opposta għall-fini ta' manuvra ta' sorpass. Iżda hawn ix-xena ma kinitx waħda fejn il-konvenut baqa' miexi fl-istess karreġġjata li huwa kien qed isuq fiha, iżda għamel manuvra ta' *U-turn* fejn qasam għall-karreġġjata l-oħra u dar wiċċu fid-direzzjoni opposta għal dik li oriġinarjament kien fiha.

Għalkemm l-attur xehed fl-*affidavit* tiegħu[22] li dak il-ħin kien hemm it-traffiku fit-triq, b'dana li l-vetturi ma kinux mexjin kważi jmissu ma' xulxin, iżda kienu mexjin b'mod ixxamplat, il-konvenut fl-*affidavit*[23] tiegħu qal li ftit li xejn kien hemm traffiku u li saħansitra lanqas kien hemm vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta hekk kif huwa ddeċieda li jaqsam it-triq bil-vettura. Iżda ċertament il-

[20] P.A., 24.02.1997.
[21] *A fol.* 32.
[22] *Supra.*
[23] *Supra.*

Qorti ma tistax tkun żbaljata meta tgħid li din it-triq hija waħda pjuttost traffikuża f'ħafna mill-ħinijiet tal-ġurnata. B'hekk kien jinkombi fuq il-konvenut li jagħżel saħansitra li ma jagħmilx il-manuvra tiegħu jekk din kienet ser toħloq periklu lill-utenti l-oħra tat-triq, jew jekk jagħżel li jagħmilha, jagħmel ċert li ma joħloq l-ebda tfixkil lis-sewwieqa tat-triq fiż-żewġ karreġġjati tagħha.

Għandu jingħad mill-ewwel li, bla dubju ta' xejn fil-każ odjern il-konvenut naqas mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala sewwieq bil-manuvra li huwa għamel fit-triq sabiex jittenta jidħol fil-parkeġġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Il-konvenut permezz tal-kontroeżami[24] tal-attur, ittenta jixħet ir-responsabbilità tal-inċident inkwistjoni fuqu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet allega ukoll li l-inċident jaħti għalih l-istess attur stante l-veloċità eċċessiva li biha kien qed isuq il-mutur tiegħu.  Iżda din il-Qorti tissenjala li ma hemm l-ebda prova li turi li l-attur kien qed isuq b'veloċità tant eċċessiva u sfrenata[25] li din kienet il-kawża prossima tal-inċident. Il-fatt li ma kien hemm l-ebda sinjal fit-triq li l-attur ittenta jevita l-inċident billi żamm il-brejkijiet tal-mutur, ma jistax jitqies bħala indikanti tal-veloċità eċċessiva tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti aktar hija inklinata tifhem li l-manuvra tal-konvenut ħasditu b'mod li ma kienx hemm biżżejjed ħin għalih sabiex jevita l-impatt billi jżomm il-brejkijiet, iżda billi jdawwar il-mutur lejn il-ġenb.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tikkunsidra li huwa l-konvenut li għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni.

[24] A *fol.* 145.
[25] *Ibid.*

## **Danni**

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ li huwa seta' u jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ippreżenta diversi rċevuti tal-ispejjeż li huwa inkorra bħala riżultat tal-inċident. Isostni fl-*affidavit* tiegħu li l-mutur tiegħu kien *beyond economical repair* u biegħu bil-prezz ta' €200.00, u pproduċa bħala xhud lil Jonathan Pandolfino li kien xtara l-mutur mingħandu. Iżda l-attur baqa' ma ressaq l-ebda prova oħra dwar il-valur tal-mutur tiegħu li biha din il-Qorti tista' tasal għat-telf li sofra l-attur. Fl-*affidavit* tiegħu l-attur jispjega li xi żmien wara l-inċident inkwistjoni, huwa kien mar għal viżta għand Mr Massimo Abela li ħejja rapport dwar dak li kkonstata u fejn iddikjara li d-diżabilità permanenti li sofra l-attur riżultat ta' dak l-inċident kienet ta' 8%. L-attur stqarr li huwa ħallas €300.00 għal dan ir-rapport u dan huwa sostanzjat mill-irċevuta dok. CA[26] annessa mal-*affidavit* tiegħu. Din il-Qorti tqis li din l-ispiża għandha tiġi rimborsata stante li r-rapport kien neċessarju bħala prova tal-attur. L-istess jingħad fir-rigward tal-ispiża li l-istess attur fl-ammont ta' €6.99[27] għal kopja tar-rapport maħruġ mil-Pulizija fir-rigward tal-inċident inkwistjoni. L-attur esebixxa wkoll irċevuta fiskali tal-ħlas ta' kirja ta' vettura għal ħmistax-il ġurnata mill-1 ta' Ġunju, 2016,

[26] *A fol.* 39.
[27] Dok. DA a *fol.* 46.

sal-15 ta' Ġunju, 2016, fis-somma ta' €252.00.[28] Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2018, Jonathan Pandolfino li xtara l-mutur mingħand l-attur kif diġà ntqal aktar 'il fuq, spjega li l-mutur kien xtrah sabiex ikollu *parts* għal mutur ieħor, filwaqt li ta x'jifhem li l-mutur tal-attur ma kienx f'kondizzjoni tajba u kellu ħsarat estensivi fin-naħa ta' quddiem. Għalkemm din il-Qorti tagħraf li l-ebda prova għajr din ix-xhieda ma tressqet fir-rigward tal-ħsarat fil-mutur riżultanti mil-inċident, tikkunsidra li bla dubju dan sofra l-ħsara. B'hekk il-Qorti tqis li għandha taċċetta din l-ispiża bħala waħda neċessarja u li għandha tiġi rimborsata.

B'hekk is-somma tad-danni materjali li sofra l-attur kawża tal-inċident inkwistjoni, u li qiegħda taċċetta din il-Qorti, hija ta' €558.99.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini vs. Antoine Cachia**[29], il-Qorti qalet:

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapacità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia* lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."*

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[28] Dok. E a *fol.* 47.
[29] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'decizjoni fl-ismijiet **Paul Debono vs. Malta Drydocks**[30], ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-ligi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."*

**Mr Raymond Gatt**, l-espert mediku ġudizzjarju maħtur minn din il-Qorti, ħejja rapport[31] dettaljat wara eżami mediku tal-attur li sar fid-19 ta' Mejju, 2019, jigifieri tliet snin wara li seħħ l-inċident. Huwa spjega dak li osserva meta eżamina lill-attur u wasal għall-konklużjoni li ma kienx qed isofri minn ebda diżabilità permanenti.

Għalhekk din il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern il-pretensjoni ta' danni sofferti in konnessjoni mal-allegata diżabilità permanenti tal-attur ma tistax tintlaqa'. Hawnhekk il-Qorti tqis ukoll li t-telf ta' xogħol fix-xhur sussegwenti għall-inċident li allegatament sofra l-attur li jaħdem b'mod indipendenti bħala fotografu, ma jistax jiġi kkunsidrat stante li ma tressqet l-ebda prova għajr kopja tal-*purchase order* maħruġa minnu lil żewġ klijenti rispettivi tiegħu. Jiġi ssenjalat li saħansitra lanqas firma ta' xi waħda mill-partijiet ma fihom dawn id-dokumenti.

---

[30] P.A., 27.04.2005.
[31] A *fol.* 182.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident mertu ta' din il-kawża għandha tinġarr mill-konvenut;**
3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' €558.99 (ħames mija tmienja u ħamsin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu); u**
4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni kif likwidati.**

**L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 2018, u l-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**